MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 379/2005

**Blaza Productions Limited
(C-10615)**

**vs**

**Cosmoline Limited
(C-10937)**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex m'ghandhux ikun ikkundanat li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elfejn sebgha mija sebgha u tletin liri Maltin u hamsin centezmi (Lm2737.50) dovuti lis-socjeta' attrici minnek socjeta' konvenuta ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lilek socjeta' konvenuta in konnessjoni ma' kampanji pubblicitarji li ghamlet ghalik is-socjeta' attrici u ta' diversi oggetti u merci mibjugha u konsenjati lilek mis-socjeta' attrici, bl-imghax kummercjali mid-data tal-fattura relattiva

u bl-ispejjex kontrik inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1382/05 u ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Marzu, 2005 fl-istess ismijiet premessi, inti socjeta' konvenuta minn issa ngunta sabiex tibghat lil rapprezentanti tieghek sabiex jidher ghalik ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 8 u fol 12 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett –

1. Illi l-eccipjenti m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici, stante li din kienet inadempjanti fl-obbligi taghha lejn is-socjeta' konvenuta fir-rigward tal-inkarigu moghti lilha.

2. Kull xoghol jew spejjez relatati li gew inkorsi mis-socjeta attrici gew resi minghajr utilita' ta' xejn minhabba l-agir tas-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat dak dikjarat mis-socjeta' konvenuta waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru 2005 (fol 9 ibid) meta din iddikjarat li lesta thallas ghas- saldu ta' kollox is-somma ta' Lm1000 (elf lira Maltin), dan kollu minghajr pregudizzju.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi Adrian Fabri, direttur tas-socjeta' attrici (fol 14 et seq ibid) spjega li fl-2001, Ronald Carbonaro u missieru, f'isem is-socjeta' konvenuta kienu avvicinaw lis-socjeta'

attrici dwar ghaxar progetti in konnessjoni ma' reklamar u "advertorials" minn dawn il-progetti kienu gew esegwiti u kompletati, kif ukoll konsenjati tnejn ossija "advertorials" in rigward certu prodotti. Inoltre, kien qed jigi esegwit ix-xoghol involut fil-progetti l-ohrajn li ukoll gew kompletati. Ghalhekk inharget il-fattura relattiva. Infatti kollox kien tlesta sa Lulju 2002 ".... soggett illi jarah l-istess klijent". Dwar dawn l-ahhar tmien progetti, rappresentanti mis-socjeta' konvenuta kienu gew jarawhom u filfatt dawn kienu taw l-approvazzjoni taghhom (il-"go ahead"), in rigward it-tmien progett u ghalhekk dan seta' jigi trasferit fuq "tape". Fl-istess sena, jidher li saru ordnijiet ohrajn per ezempju in konnessjoni ma' kartolini tal-Milied. Is-socjeta' attrici accettat dan ix-xoghol gdid izda xtaqet li tithallas ghax-xoghol gja msemmi u lest. Dawn il-kartolini saru u filfatt is-socjeta' attrici thalset is-somma akkont ta' Lm1,300 (elf u tlett mija liri Maltin) waqt li l-kont globali kien jammonta ghal Lm9,000 (disat'elef liri Maltin). Sussegwentament bejn Jannar u Mejju 2003 kienu saru zewg pagamenti akkont , ammontati b'kollox ghal Lm2,000 (elfejn lira Maltin). F'Mejju is-socjeta' attrici nghatat l-approvazzjoni izda ".... ma kienux ser ikomplu jhallsu jekk ma jigux trasferiti "on tape" u "... in rigward 'design' ta' gazzetta li skont ma gejt infurmat ma riduhiex aktar". Dwar dawn ta' l-ahhar, ix-xhud kien accetta li l-valur ta' dan ix-xoghol ammontanti ghal Lm 300 (tlett mija liri Maltin) jinghata bhala skont u jitnehha mill-kont dovut. Izda l-istess xhud insista li jsir hlas ta' Lm1,000 (elf lira Maltin) fix-xahar in rigward il-bilanc li kien ghadu dovut u "Dan gie accettat miz-zewg (2) diretturi li semmejt" fix-xhieda tieghu. Dwar dawn hu, wara li nsistew li jigu konsenjati lilhom it-"tapes", hu offra lis-socjeta' konvenuta li tigi tesamina x-xoghol kompletat u li jsiru xi emendi li d-diretturi ta' l-istess socjeta' konvenuta xtaqu li jsiru. Filfatt ix-xhud sahaq li l-istess xoghol, kompletat ghal kollox u trasferit fuq "tape", ittiehed ghand is-socjeta' konvenuta u "... gie approvat" hlief in rigward "label" ta' prodott wiehed. Filfatt dan il-prodott gie mibdul izda jidher li dwar ir-rizultat finali ta' dan il-prodott, l-istess diretturi qatt ma kienu gew sabiex jarawh avolja kien hemm korrispondenza, permezz ta' "e-mails" esebiti fl-atti a fol 18 u fol 19 ibid u li ntbaghtu f'Awwissu u f'Ottubru 2003. Hawnhekk kien sar hlas

ulterjuri ta' Lm1000 (elf lira Maltin) mill-bilanc dovut u dan wara li, permezz ta' "e-mail" is-socjeta' konvenuta giet avzata dwar passi legali kif ukoll Lm1000 (elf lira Maltin) ohrajn fil-vicinanzi ta' Marzu 2004 (Dwar il-bilanc dovut ara dokumenti a fol 20 u fol 27 dwar pagamenti akkont li saru il-bilanc li ghadu dovut kif ukoll il-fatturi relattivi). Jidher li l-ahhar pagament gie effetwat fil-15 ta' Lulju 2004 u kien jammonta wkoll, ghal Lm 1000 (elf lira Maltin). Dwar ix-xoghol esegwit ix-xhud sostna illi ".... ix-xoghol esegwit minnha deher effetivament fuq it-televixin". Fl-ahharnett, hu semma x'kienet ir-raguni l-ghala d-dati fl-ahhar zewg fatturi esebiti gew mibdula in rigward fejn hemm imnizzla s-sena (ara ukoll ix-xhieda ta' Chris Pace a fol 28 ibid).

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi da parti s-socjeta' konvenuta xehed <u>Ronald Carbonaro</u> (a fol 33, fol 75, fol 78 et seq ibid) ikkonferma x'kien il-ftehim milhuq bejn il-partijiet u hu kompla billi qal illi "... kull wiehed (mir-reklami) li kien qed jigi minn muri minnhom kien approvat minnha" sakemm kien ra' r-reklam ta' certu prodott ossia markata "laundry detergent" peress li meta kien intwera' privatament, ir-reklam kellu diskors applikabbli ghal "laundry detergent" izda kien juri reklam ta' "fabric softener" (ara d-dokument esebit minn xhud iehor markati Dok JC3 sa Dok JC5 a fol 41 sa fol 43 ibid) wara rrefera ghall-fatturi a fol 39 u fol 40 li jirreferu ghall-prodott involut kif jidher mill-parti "highlighted", ix-xhud sostna li nduna bl-imsemmi zball fil-31 ta' Dicembru 2003 jew ftit wara meta ircieva t-tieni fattura. Prezenti kien hemm l-imsemmi Chris Pace u dan ammetta l-izball. Izda sakemm wasal il-prodott finali kien hemm dewmien sal-2005 mentri r-reklam kellu jintwera fl-2003 u fl-2004. Minhabba dan "... ma kellniex bzonnu aktar ...." u ".... matul l-elfejn u hamsa (2005) ma kellniex aktar disponibbli minn dan il-"budget" b'referenza ghal dan ir-reklamar fuq it-televizjoni. <u>In kontroesami</u>, hu beda billi qal li n-numru ta' reklami ordnat kien, jidhirlu, hamsa u mhux tmienja. Hu ammetta li din il-kawza tirreferi ghal prodott wiehed, li ma kienx tajjeb sabiex jixxandar. Dwar dan l-ahhar prodott, is-socjeta' konvenuta kienet tat struzzjonijiet verbali lil

Chris Pace. Kien minnu ukoll li s-socjeta’ konvenuta kienet giet murija l-“script” u hu kien qabel ma dan izda meta sar il-prodott finali, irrizulta li kien hemm dik id-diskrepanza bejn l-“script” u l-prodott reklamat . Dwar Adrian Fabri hu kien ltaqa’ mieghu biss sentejn wara u dan in rigward pagamenti. Inoltre dwar jekk dan ir-reklam deherx fuq stazzjon partikolari , hu wiegeb li “ma jidhirx li gara dan ...”. dwar hlasijiet akkont li saru , in ri-esami hu qal li dawn saru fuq reklami ohrajn “.. li ma kienx hemm problemi fuqhom” u zied jghid li ma jiftakarx jekk kienx hemm pagamenti u bilanc dovuti fuq reklami accettati u mhux kontestati. L-istess xhud esebixxa r-reklam kontestat cioe’ dak “... li mhux tajjeb” u l-istess reklam kif korrett (ara l-kopji a fol 81 ibid).
Illi xehed, ukoll Joseph Carbonaro (fol 38 u fol 66 et seq ibid) u dan fl-“affidavit” tieghu a fol 38 ikkonferma, fis-sustanza dak li xehed ix-xhud precedenti, ibnu Ronald Carbonaro. L-istess xhud “viva voce" qal li ma thallasx il-bilanc dovut “oltre l-kont tar-reklam....”, kontestat hu sostna li l-kont kien “... wiehed shih, izda xorta wahda kien jithallas ammont akkont li ma tkomplewx minnhom “... dik ir-raguni”. Mistoqsi jekk kienx hemm korrispondenzi dwar ir-reklam li dwaru kienet qed tilmenta s-socjeta’ konvenuta u li dam sentejn sabiex jigi rrangat , hu qal li kien hemm diversi inkontri ma’ Chris Pace. Skont dejjem hu, kienu ndunaw bl-izball meta r-reklam deher ghal darba wahda biss fuq it-televizjoni izda ma kienx jaf lil Ronald Carbonaro li kien di gja rah privatament qabel ma gie mxandar. In ri-esami, hu qal li kien lest li jhallas Lm1000 (elf lira Maltin) izda ma setax jaghmel dan minhabba mandat ta’ sekwestru. Inolter, hu ried li dan il-pagament ikun ghas-saldu ta’ kollox.

**Ikkunsdrat**

Illi mill-premess jidher li l-istess socjeta’ konvenuta tametti li, mill-bilanc mitlub fl-avviz, is-somma ta’ Lm 1000 (elf liri Maltin) hi dovuta.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar l-ammont rimanenti mitlub skont l-istess avviz, jidher li qed jigi kontestat l-ammont ta' Lm1679 (elf, sitt mija disgha u sebghin) b'referenza ghal reklam wiehed kontestat. Dwar dan ir-reklam li kienet saret il-korrezzjoni relattiva ghall-izball hawn fuq imsemmi. Dwar jekk l-istess reklam giex trasmess o meno, jigi notat illi Ronald Carbonaro ma kienx kategoriku fuq dan il-punt fis-sens li qal li "ma jidhirx" li gie trasmess fuq programm partikolari (ara fol 75 ibid) filwaqt li Joseph Carbonaro sostna li s-socjeta' konvenuta indunat bl-izball meta filfatt, gie trasmess fuq stazzjon partikolari meta filfatt, Ronald Carbonaro sahaq li hu kien induna dejjem bl-istess zball meta l-istess reklam interessa lilu personalment.

**Ikkunsidrat**

Illi, wara li jigi konsiderat kollox, il-Qorti hi tal-fehma illi s-socjeta' attrici effettivament esegwit dak kollu ordnat minn ghandha, wara li l-izball imsemmi gie korrett. Ghalhekk anke l-ammont mitlub f'dan rigward hu dovut.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti rat ukoll illi kien hemm diffikolta' sabiex is-socjeta' atttrici tithallas ghall-prodotti li ma kienux kontestati u ghalhekk hemm suspett fondat li l-pagament tal-bilanc ma sarx minhabba ragunijiet u motivi ohrajn.

Illi jinghad ukoll li ma jidhirx li kien miftiehem xi terminu ta' zmien sabiex ix-xoghol kellu jigi ezegwit u dwar dan, jekk kelliex xi lmenti dwar dewmien, is-socjeta' konvenuta kellha rimedju billi tintavola kawza sabiex il-Qorti timponi terminu, specjalment, in rigward il-prodott/reklam li kellu jigi korrett u li gie korrett, liema rimedju pero' ma giex mitlub. Ghal dawn il-motivi, waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti mill-avviz in esami u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici is-somma ta Lm 2737.50 (elfejn, sebgha mija sebgha u tletin liri Maltinu hamsin centezmi) ossia €6376.66 (sitt t'elef, tliet mija sitta u sebghin ewro u sitta u sittin centezmi) bl-imghax legali mill-31 ta' Dicembru 2003 (ara fol 26 ibid) sad-data tal-

pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta sekwestru numru 1382/05.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------